MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Numru. 503/2011

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca u Sp Bernard Spiteri)
vs
David Vella, iben Emmanuel, imwieled Pieta’ fit-18 ta’ Lulju, 1978, Karta ta’ l-Identita numru 345478(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
talli fl-4 ta’ April, 2011 bejn is-1.45 a.m. u is-2.15 a.m. ġewwa il-Pit Stop Service Station, Triq l-Imdina, Attard –
1. ikkometta serq ta’ flus, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċedix €2,329.37, u bil-ħin u li sar għad-dannu ta’ Ephraim Sam Schembri u/jew tas-soċjeta’ Pit Stop Service Station Ltd.;
2. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ l-‘autometic service dispenser’, liema ħsara ma tiskorriex

€1,164.69, iżda iżjed minn €116.47 liema ħsara saret għad-dannu ta’ Ephraim Sam Schembri u/jew tas-soċjeta’ Pit Stop Service Station Ltd.;
fil-lejl ta’ bejn it-3 u l-4 ta’ April, 2011 għal ħabta tal-4.00 a.m. u/jew qabel dan il-ħin, ġewwa l-VC Service Station, Triq tal-Balal, Għargħur –
3. ikkometta serq ta’ flus, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-ħin li sar għad-dannu ta’ Victor Chetcuti u/jew tas-soċjeta’ Grantham Ltd.;
4. fil-waqt li kien qed jagħmel reat ta’ serq jew ħsara fil-propjeta’ u fil-waqt li kien qed jiġi arrestat għal delitt, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari, cioe’ flick-knife, mingħajr ma ġab prova xort’oħra li kien qed iġorr l-istess arma regolari bi skop leġittimu;
5. ġarr ‘il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;
fil-lejl ta’ bejn it-3 u l-4 ta’ April, 2011 ġewwa l-Sterling Service Station, Triq Testaferrata, Msida –
6. ikkometta serq ta’ flus, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-ħin u li sar għad-dannu tas-soċjeta’ Sterling Car Rentals Ltd.;
7. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ automatic service dispenser, liema ħsara ma tiskorriex €1,164.69 iżda iżjed minn €116.47, liema ħsara saret għad-dannu tas-soċjeta’ Sterling Car Rentals Ltd.;
8. talli rrenda ruħu reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali permezz ta’ diversi sentenzi mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jjistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ April, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lil Victoria Scicluna ta’ l-Agenzija Appoġġ.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(ċ), 264, 267, 278(1)(2) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 6, 7 u 51 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tordna l-ħruġ ta’ Probation Order taħt il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta għal żmien tlett snin. L-imputat hu ordnat li joqgħod għal kwalunkwe program li jiġi preskritt mill-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------